



Brussell, 30 ta' April 2018
(OR. en)

8206/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0056 (NLE)

MAR 48
OMI 13

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	7290/18 MAR 39 OMI 9
Nru dok. Cion:	7050/18 MAR 34 OMI 7
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fid-99 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali fir-rigward tal-adozzjoni ta' emendi tar-Regolamenti SOLAS II-1/1 u II-1/8-1, tal-approvazzjoni tal-linji gwida rilevanti dwar l-appoġġ informatiku għall-kaptan dwar il-kundizzjonijiet tal-istabbiltà f'każ ta' għargħar għall-bastimenti tal-passiġġieri eżistenti u fir-rigward tal-adozzjoni tal-emendi tal-Kodiċi Internazzjonali għall-Applikazzjoni ta' Proċeduri tal-Ittestjar tan-Nirien, tal-2010 - Adozzjoni

INTRODUZZJONI

1. Fit-12 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta msemmija hawn fuq lill-Kunsill.
2. Il-proposta tikkonċerna l-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni għad-99 sessjoni tal-Kumitat tas-Sikurezza Marittima (MSC 99) tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) fir-rigward ta':

- a) l-adozzjoni ta' emendi għar-regolamenti II-1/1 u II-1/8-1 tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS) (dwar l-appoġġ informatiku għall-kaptan dwar il-kundizzjonijiet tal-istabbiltà f'każ ta' għargħar għall-bastimenti tal-passiġġieri eżistenti), kif ukoll l-approvazzjoni ta' linji gwida assoċjati (dwar informazzjoni operazzjonali għall-kaptani f'każ ta' għargħar għall-vapuri tal-passiġġieri maħduma qabel l-1 ta' Jannar 2014);
 - b) l-adozzjoni ta' emendi għall-Kodiċi Internazzjonali għall-Applikazzjoni ta' Proċeduri tal-Ittestjar tan-Nirien tal-2010 (il-Kodiċi FTP) (biex tiġi estiża l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-ittestjar għall-kisi tal-art espost għall-bastimenti tal-passiġġieri li jgħorru inqas minn 36 passiġġier).
3. Dawk l-emendi, li mistennija jiġu adottati fl-MSK 99 (16–25 ta' Mejju 2018), ikunu kapaċi jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

4. Il-proposta ġiet eżaminata mill-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu fit-12 u d-19 ta' April 2018. Fil-laqgħa tad-19 ta' April, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport Marittimu qabel dwar it-test.
5. Il-Kummissjoni esprimiet tħassib dwar xi wħud mill-emendi li saru għall-proposta oriġinali tagħha u ħabbret l-intenzjoni tagħha li tagħmel dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u tal-Kunsill.

KONKLUŻJONI

6. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/il-Kunsill huma mistiedna jadottaw id-Deċiżjoni kif tinsab fid-dokument ST 7361/18, imħejjija mill-ġuristi lingwisti.

¹ Id-Direttiva 2009/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar regoli u standards ta' sigurtà għal vapuri tal-passiġġieri (ĠU L 163, 25.6.2009, p. 1).